# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 56**

**26 ta' Jannar 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

**56.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

56.1.1 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2016 wara li jsiru l-korrezzjonijiet meħtieġa.

56.1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa annwali tal-lokalita' li saret fit-22 ta' Diċembru 2016 u dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

**56.2 Punti mqajma mill-minuti**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill sal-lum:

56.2.1 Irċivejna risposta mingħand l-Inġinier Charles Camilleri min-naħa tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) li nfetaħ *file* bit-talba li għamilna sabiex din il-Korporazzjoni tikkunsidra li tagħmel xogħol fuq servizzi tagħha fi Triq l-Għajn qabel ma joħroġ it-tender ta' *resurfacing* ta' parti minn din it-triq.

56.2.2 Saret laqgħa ma' uffiċjali tal-MEUSAC rigward il-proposta tagħna sabiex nixtru *truck* li jaħdem bl-enerġija permezz tal-fondi Ewropej tal-*Priority Axis 4* taħt il-Miżura li ħarġet ftit tal-ġimgħat ilu. Ser nitolbu l-assistenza ta' persuni kompetenti li jistgħu jgħinuna nimlew din l-applikazzjoni li tagħlaq fis-7 ta' April 2017.

56.2.3 Bdiet tiġi ippreparata l-applikazzjoni li ser nissottomettu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għad-devoluzzjoni tal-Għejun u l-*area* ta' madwar. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa għalfejn ma nitolbux għad-devoluzzjoni tax-xelter tal-Gwerra wkoll. Is-Sindku Saviour Borg wieġeb li l-Kunsill kien applika għad-devoluzzjoni ta' dan is-sit flimkien mal-Għejjun pero' l-applikazzjoni tagħna kienet ġiet imwaqqfa peress li dan ix-xelter mhux reġistrat mill-Gvern bħala propjeta' tiegħu. Huwa qal li ikkonferma dan mar-Reġistru tal-Artijiet. Wara diskussjoni, fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nagħmlu żewġ talbiet separati – waħda lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tiskeda dan ix-xelter kif ukoll sabiex ix-xelter u madwaru jiġi reġistrati mid-Dipartiment tal-Artijiet u oħra lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex issir id-devoluzzjoni

tal-Għejjun, replika tal-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini bil-*porfido* kif indikati fil-pjanti preparati.

56.2.4 Ġie issiġillat il-*file* bid-dokumentazzjoni relatata mal-*interviews* li kienu saru fit-28 ta' Ottubru 2015 għall-post ta' skrivan *full-time* mal-Kunsill Lokali tagħna. Dan peress li l-*file* kien instab miftuħ meta l-Aġent Segretarju Eżekuttiv daħal f'din il-kariga f'April 2016. Dan ġie issiġillat mis-Sindku, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Jason Curmi u għandu jiġi iffirmat ukoll mill-Kunsillier Horace Micallef li ma setax jattendi.

56.2.5 Peress li l-Perit John Saliba irrifjuta li joqgħod bħala *chairman* fil-Bord ta' Evalwazzjoni li ser jaġġudika l-offerti mitfugħa għal xogħol ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq John Gaspard Le Marchant, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna ngħidu lill-Perit Gordon Vella.

56.2.6 Sal-lum għadna ma rċivejna l-ebda risposta min-naħa tal-Ministeru għal Għawdex rigward it-talba li għamilna f'Mejju li għadda sabiex diversi proġetti u inizjattivi fil-lokalita' tagħna jiġu iffinanzjati mill-fondi ta' Eko Għawdex. Ser nerġgħu nibagħtu *reminder*.

56.2.7 Inħasset il-ħtieġa li jinxtraw diversi pjanti tal-petonja u pakkett *fertilizer* biex isir tisbieħ fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jinxtraw. Dawn ser jintużaw mal-Għajn ta' Bendu u n-niċċa tas-Salvatur. Huwa qal ukoll li għandhom bżonn tinxtara qasrija ġdida għal Triq il-Għajn ħdejn Ta' Lippu. Il-Kunsill qabel li din għandha tinxtara.

56.2.8 Irċivejna fil-kont bankarju tal-Kunsill is-somma ta' madwar € 1200 taħt l-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Niċeċ u Postijiet Storiċi żgħar li kien nieda d-Dipartiment tal-Gvern Lokali fis-sena 2011. Din l-informazzjoni ġiet verifikata mill-*accountant* tal-Kunsill.

56.2.9 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-membri tal-Kunsill żewġ applikazzjonijiet għall-permessi maħruġa mill-Awtorita' tal-Ippjanar li jikkonċernaw il-lokalita' tal-Fontana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.2.10 Ġiet ippubblikata t-tlieta u għoxrin ħarġa tal-fuljett bl-isem 'Tagħrif mill-Kunsill tiegħek' fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

56.2.11 Fl-okkażjoni tal-Milied ġiet imqassma l-ikla ta' nofsinhar lill-anzjani li jgħixu weħidhom. Tqassmu għoxrin ikla mis-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia.

56.2.12 Is-Sindku attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex li saret fil-*Banca Giuratale* u li fiha ġew diskussi diversi punti li jolqtu lil Għawdex.

56.2.13 Twaħħlu tnax-il qasrija tas-sardinell fit-telgħa 'l isfel mill-Knisja.

56.2.14 Is-Sindku qal li hemm il-bżonn li tinxtara bandiera ġdida bl-arma tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li din għandha tinxtara.

**56.3 Qari tal-Korrispondenza u ilmenti mir-residenti**

56.3.1 Ċirkulari numru 1/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Funzjoni dwar iż-Żamma fi Stat Tajjeb u Manutenzjoni tat-Toroq'. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku Saviour Borg innota li l-Kunsill ma jingħatax biżżejjed fondi min-naħa tal-Gvern Ċentrali sabiex ikun jista' jwettaq din il-funzjoni tant importanti. Dan għar-raġuni li ngħata biss madwar € 13,000 għall-manutenzjoni tat-toroq.

56.3.2 Ċirkulari numru 2/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Tqegħid ta' *CCTV Cameras* f'Latrini Pubbliċi'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.3.3 Ċirkulari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed jistiednu lis-Sindki, Viċi Sindki u Kunsilliera sabiex jattendu għal-Laqgħa Plenarja tal-Kunsillieri li ser issir nhar is-Sibt 4 ta' Marzu 2017. Dawk interessati li jipparteċipaw kellhom ċans sal-Ġimgħa 13 ta' Jannar sabiex jirreġistraw l-interess tagħhom. Għan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Fontana ser jattendi l-Kunsillier Horace Micallef.

56.3.4 E-mail mingħand Ivan Riolo, koordinatur tal-proġett 'The Maltese Sport Culture', li fiha qed jitlob lill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex sabiex jinnominaw persuna li tkun tista' tagħti informazzjoni dwar l-attivita' sportiva fil-lokalita' rispettiva tagħhom. Dan bil-għan li tinġabar kemm jista' jkun informazzjoni dwar l-isports fil-lokalitajiet Maltin u Għawdxin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.3.5 Ċirkulari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed titlob lill-Kunsilli Lokali sabiex iġeddu l-*group health insurance policy* għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsilli Lokali. Din il-polza ta' assikurazzjoni tkopri l-perijodu

bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2017. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv innota li din l-assikurazzjoni diġa' tħallset wara deċiżjoni tal-Kunsill li ttieħdet fil-laqgħa preċedenti.

56.3.6 Ċirkulari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li fiha qed titlob lill-Kunsilli Lokali interessati sabiex iġeddu l-polza ta' assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2017. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-polza għandha tiġġedded.

56.3.7 Ċirkulari numru 3/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Ħatra ta' Direttur Ġenerali (Gvern Lokali), Twaqqif tad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u Nomenklatura ġdida għad-Direttur (Gvern Lokali)'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

56.3.8 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha d-Dipartiment qed jinforma lill-Kunsilli Lokali rigward sejħa għal proġetti iffinanzjati mill-'Asylum, Migration and Integration Fund' maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej. Il-Kunsill innota l-kontenut. Is-Sindku qal li din is-sejħa ma tapplikax għal-lokalita' tal-Fontana.

56.3.9 E-mail mingħand Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li fiha qed jistieden rappreżentanza mill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex tattendi għal sessjoni ta' informazzjoni dwar miżura li ser toħroġ rigward aċċessibilita' ta' toroq rurali. Din is-sessjoni ser issir nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar u għaliha ser jattendi s-Sindku Saviour Borg.

56.3.10 Direttiva Numru 1/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata '*Accounting Treatment* ta' Assi Fissi (*Non-Current Assets*)'. Il-Kunsill innota l-kontenut. Din id-direttiva diġa' għaddiet lill-*accountant* tal-Kunsill għall-attenzjoni tiegħu.

56.3.11 Ċirkulari numru 4/2017 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'. Il-Kunsill innota l-kontenut. Din iċ-ċirkulari diġa' għaddiet lill-*accountant* tal-Kunsill għall-attenzjoni tiegħu.

56.3.12 E-mail mingħand is-Sur George Refalo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, li fiha qed jistieden lil rappreżentant tal-Kunsill sabiex jattendi għal seminar informattiv dwar 'Valletta 2018' li ser isir nhar l-Erbgħa 1 ta' Frar 2017 fiċ-Ċittadella. Għan-nom tal-Kunsill ser jattendi s-Sindku Saviour Borg.

56.3.13 Parir legali mingħand l-Avukat Dr. Jean Paul Grech LLD rigward il-każ tal-ex-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali li ma ressqitx fil-ħin korrispondenza relatata mal-polza tal-assikurazzjoni tas-saħħa tal-Kunsillieri għas-sena 2016 u li kawża ta' hekk il-Kunsill kellu joħroġ xi spejjeż li kienu dovuti taħt din l-assikurazzjoni. Wara li nqara dan il-parir legali, il-Kunsill qabel unanimament li għandu jimxi mar-rakkomandazzjoni mogħtija.

56.3.14 Ittra mingħand Tonio Ellis, rappreżentant tal-kumpanija *Gozo Concrete Products*, li fiha hu qed joġġezzjona għad-deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali tal-Fontana lura fis-sena 2012 li ma jagħtix l-offerta imsemmija lil din il-kumpanija. Dan minkejja li din il-kumpanija tefgħet l-irħas offerta. Għas-Sur Ellis, ir-raġunijiet li qed jagħti l-Kunsill permezz tal-esperti tekniċi tiegħu biex jissostanzja d-deċiżjoni tiegħu huma, fil-fehma tiegħu, trivjali u għaldaqstant qed jitlob li din id-deċiżjoni tiġi annullata. Wara li nqrat l-ittra sħiħa, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimamement li għandna nibagħtu din l-ittra lill-Avukat Dr. Jean Paul Grech LLD sabiex jirrispondih lura.

Matul dan ix-xahar ma kellniex ilmenti uffiċjali fil-Kunsill.

**56.4 Komunikazzjoni mis-Sindku fosthom l-approvazzjoni tal-estimi finanzjarji annwali (*budget*) għas-sena 2017 u l-approvazzjoni tal-*performance appraisals* tal-impjegati fl-uffiċċju tal-Kunsill**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

56.4.1 Ġie avviċinat minn Ivana Mizzi ta' 'Cini's Bakery' rigward l-għeluq ta' Triq il-Kappillan Ġużepp Hili bil-konsegwenza li qed ikollhom telfien ta' bejgħ tal-ħobż. Wara diskussjoni, is-Sindku propona li għandna nitolbu laqgħa ma' Transport Malta sabiex naraw x'possibilitajiet jeżistu meta din it-triq prinċipali tkun magħluqa biex it-traffiku jgħaddi minn bnadi oħra. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li huwa jaqbel ma' din il-proposta pero' l-Kunsill irid ikollu pożizzjoni qabel imur għal din il-laqgħa. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li m'għandniex noħorġu permessi għal xogħol fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili qabel l-għaxra ta' filgħodu pero' jekk ikun hemm ħtieġa ta' xogħol urġenti ta' ġurnata sħiħa li jrid jibda bilfors qabel dan il-ħin, għandna nevalwaw skont il-każ. Is-Sindku innota li diġa' għandna arranġament ma' Transport Malta sabiex qabel id-disgħa ta' filgħodu ma jingħalqux toroq fil-Belt Victoria u fil-Fontana minħabba konġestjoni tat-traffiku. Ser nieħdu ħsieb ninfurmaw lill-iskrivan b'dan l-arranġament u dwar il-possibilita' li hu jieħu ħsieb jinforma lis-sidien tan-

negozji ta' Triq il-Għajn kull meta jkun ser isir xi għeluq ta' toroq biex hekk jitnaqqas l-inkonvenjent.

Is-Sindku Saviour Borg qal ukoll li mhux ġust li r-residenti tal-Fontana qed ikollhom iħallsu għal servizz ta' uffiċjal ta' Transport Malta li jiswa € 14 kull siegħa meta jistgħu jinqdew b'rati orħos ta' € 7 orħos permezz tal-gwardjani lokali. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li mhux dejjem ikun possibbli li jintbagħat gwardjan minħabba n-nuqqas ta' riżorsi umani. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna niġbdu l-attenzjoni tal-iskrivan tal-Kunsill sabiex l-ewwelnett jiċċekkja jekk ikunx hemm servizz ta' gwardjan lokali disponibbli qabel ma jiġi ibbukkjat l-uffiċjal ta' Transport Malta.

56.4.2 Irċivejna korrispondenza mingħand Nicoline Sagona, rappreżentanta ta' *Heritage Malta*, li fiha qed titlob lill-Kunsilli Lokali Għawdxin sabiex jinnominaw persuna b'għarfien fl-istorja sabiex tassisti lill-*Heritage Malta* fl-implimentazzjoni tal-Mużew Għawdex li ser jiġi żviluppat fis-sit tal-Liċeo Ninu Cremona. Il-Kunsill qabel li għandna naħsbu f'xi ħadd mil-lokalita' tal-Fontana li jista' jgħin lil *Heritage Malta* f'dan ir-rigward.

56.4.3 Irċivejna ilment mingħand Dr. Kris Borg LLD rigward is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar li ġew miżbugħa riċentement minn Transport Malta faċċata tar-residenza tiegħu fi Triq Wied Siekel. Dr. Borg qed jilmenta li dawn is-sinjali riedu jsiru aktar 'il fuq minħabba li kif saru, ma għandhom l-ebda skop. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex dawn is-sinjali jiġu spustjati aktar 'il fuq quddiem il-garaxx tar-residenza tiegħu.

56.4.4 Hemm bżonn li tinxtara ż-żebgħa bajda għas-sinjali tat-traffiku fit-toroq. Il-Kunsill qabel li din iż-żebgħa għandha tinxtara.

56.4.5 Tinħass il-ħtieġa li jsir iż-żbir ta' żewġ ħarrubiet li hemm fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu l-awtorizazzjoni tat-*Tree Permitting Unit* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) qabel nipproċedu bix-xogħlijiet neċessarji.

56.4.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill Lokali kopja tal-estimi finanzjarji annwali (*budget*) għas-sena 2017 kif ippreparati mill-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nitkellmu mas-Sur Galea sabiex f'dawn l-estimi jinkludi l-proġetti infrastrutturali li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jimplimenta matul

din is-sena. Dawn jinkludu x-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġużeppi Hili u x-xogħlijiet ta' asfaltar fi Triq il-Għajn (bejn Pjazza Santu Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili) u l-aħħar ħamsa u tletin metru ta' Triq John Gaspard Le Marchant. Dawn l-estimi għandhom jiġu approvati fil-laqgħa li jmiss.

56.4.7 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-*quarterly financial report* għall-perijodu Lulju-Settembru 2016 kif ippreparat mill-*accountant* tal-Kunsill. Mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Settembru 2016, il-Kunsill Lokali tal-Fontana kellu dħul finanzjarju ta' € 107,000 u ħruġ ta' € 67,000 – bilanċ ta' € 40,000. Dan ir-rapport finanzjarju kien approvat unanimament mill-Kunsill. Ser ninsistu mal-*accountant* sabiex jikkonkludi x-xogħol fuq il-*quarterly financial report* għall-perijodu Ottubru-Diċembru 2016 biex hekk dan ir-rapport ikun jista' jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss.

56.4.8 Il-Kunsill Lokali iddiskuta l-*performance appraisals* tal-ex-Segretarju Eżekuttiv Odette Camilleri, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard u l-iskrivan tal-Kunsill Christopher Buhagiar.

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv qed jaqdi dmiru tajjeb ħafna u fil-ħin li jkun disponibbli fil-Kunsill, qed jagħmel kull ma jista' sabiex jattwa d-deċiżjonijiet meħuda fil-Kunsill. Għaldaqstant huwa propona li għandu jingħata *performance bonus* ta' 8%. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca ma qablux u qalu li f'dan il-każ għandu jingħata *performance bonus* ta' 10% li huwa l-massimu stabbilit fir-Regolamenti tar-Riżorsi Umani tal-Kunsilli Lokali. Peress li ma kienx hemm qbil, ittieħed vot. Bi tliet voti favur u tnejn kontra, il-Kunsill iddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jingħata *performance bonus* ta' 8%.

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-ex-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill wettqet numru ta' nuqqasijiet matul iż-żmien li damet fil-kariga. Fid-dawl ta' dan, huwa propona li l-ex-Segretarja għandha tingħata *performance bonus* ta' 5% li huwa l-minimu stabbilit fir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera qablu unanimament mar-rakkomandazzjoni tas-Sindku. Wara, is-Sindku informa lill-Kunsill li nstab il-*performance appraisal* tas-Sinjura Odette Camilleri għas-sena 2014 li ma kellux il-*handwriting* tiegħu. Huwa wrieh lill-membri preżenti u iddikjara li paġni 3 u 4 ta' dan id-dokument m'għandux il-*handwriting* tiegħu.

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-iskrivan tal-Kunsill qed iwettaq diversi nuqqasijiet fil-ħidma tiegħu u hemm bżonn ta' ħafna titjib. Għaldaqstant, huwa propona li l-iskrivan għandu jingħata *performance bonus* ta' 3% li huwa l-minimu stabbilit fir-

Regolamenti tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsilliera Horace Micallef u Mario Mercieca ma qablux ma' din il-proposta għax qalu li l-iskrivan ma kienx mgħallem biżżejjed dwar il-proċeduri tal-Kunsilli mis-superjuri tiegħu u għaldaqstant għandna nagħtuh aktar żmien. Barra minnhekk, il-Kunsillier Horace Micallef staqsa wkoll jekk l-iskrivan hux qiegħed jagħmel kollox ħażin biex qed jiġi propost li jingħata l-minimu tal-*performance bonus*. Peress li ma kienx hemm qbil, ittieħed vot. Bi tliet voti favur u tnejn kontra, il-Kunsill iddeċieda li l-iskrivan għandu jingħata *performance bonus* ta' 3%.

56.4.9 Il-Kunsillier Mario Mercieca staqsa dwar fiex wasal ix-xogħol ta' installazzjoni ta' ħadida ta' protezzjoni mar-residenza tas-Sur Joseph Grima li joqgħod f'numru 100, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, Fontana. Dan peress li din il-ħadida ġiet approvata fil-laqgħa tat-30 ta' Settembru 2016 u jidher li sal-lum għadha ma twaħħlitx. Il-Kunsill qabel li għandna ninkarigaw lill-ħaddiema assenjati magħna biex ikunu jistgħu jagħmlu dan ix-xogħol.

56.4.10 Il-Kunsillier Horace Micallef talab sabiex jitwaħħlu ż-żewġ *doggy bins* li kienu approvati mill-Kunsill fi Triq Wied Siekel u Triq Għajn Tuta. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jitwaħħlu. Is-Sindku Saviour Borg propona li għandna nixtru *doggy bin* ieħor għal Triq Ta' Mulejja. Il-Kunsill qabel unanimament li dan għandu jinxtara.

## 56.5 Approvazzjoni tal-Pagamenti

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Rigward il-pagament tas-Sur Carmel Xerri għax-xogħol ta' tindif fil-latrina pubblika fi Triq Ta' Mulejja għal matul ix-xahar ta' Diċembru 2016, il-Kunsill qabel li minnu għandu jinqata' l-ammont dovut lis-Sur Emmanuel Conti għax-xogħol ta' tindif li għamel fl-istess latrina u spejjeż oħra.

Rigward il-pagament taċ-Ċima Restaurant għall-ikla tal-Milied għall-i*staff* u l-Kunsilliera li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill qabel li għandu jitħallas biss l-ammont ta' € 150 skont id-direttiva mogħtija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Id-differenza ta' € 45.75 ser tinqasam ugwalment bejn is-Sindku, il-Kunsillier Carmel Farrugia, il-Kunsillier Horace Micallef, l-Aġent Segretarju Ivan Attard u l-iskrivan Christopher Buhagiar li attendew għal din l-ikla.

Rigward il-pagamenti dovuti lill-*Wasteserv Malta* relatati ma' *tipping fees* għax-xhur ta' Novembru u Diċembru 2016, il-Kunsill qabel unanimament li dawn għandhom jiġu temporanjament sospiżi sakemm l-*accountant* tal-Kunsill jivverifika l-ammonti li għandna nagħtu f'dan ir-rigward.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 22 ta' Frar 2017 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**

**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**

**Ivan Attard**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**